**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 2 ta' Marzu, 2022**

**Kumpilazzjoni Numru: 42/2022 MLF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Colin Sheldon)**

**vs**

**Sandro Degabriele**

## DIGRIET

Il-Qorti

1. Regghet rat ir-rikors tal-imputat tat-18 ta' Frar 2022 li ghar-ragunijiet fih premessi, talab lil din il-Qorti tvarja l-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest tieghu, fis-sens illi *"tigi imposta kundizzjoni ta' garanzija personali jew alternattivament depozitu effettiv illi jirrifletti l-qaghada finanzjarja"* tieghu.

2. Rat ir-risposta tal-Avukat Generali fejn ma oggezzjonax ghat-talba tar-rikorrent, diment illi r-rikorrent jipprezenta d-dokumenti, li diga gew ordnati minnu minn din l-Qorti fl-4 ta' Frar 2022, li juru li verament m'ghandux il-mezzi finanzjarji sabiex jobbliga ruhu b'dawk il-kundizzjonijiet.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

3. Qabel xejn ikun opportun li din il-Qorti tissintetizza l-fatti li taw lok ghal dan ir-rikors:

(i) Fis-27 ta' Jannar 2022, l-imputat tressaq arrestat quddiem din il-Qorti, diversament preseduta, mixli b'serq u ricetazzjoni ta' vettura.

(ii) Dak in-nhar tal-prezentata huwa inghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet fosthom li jiddepozita l-ammont ta' elfejn Euro (€2,000) u taht garanzija personali ta' ghaxart elef Euro (€10,000).

(iii) Fit-2 ta' Frar 2022, l-imputat intavola rikors quddiem din il-Qorti, fejn wara li issottometta li m'ghandux il-mezzi finanzjarji sabiex ihallas tali depozitu, talab lil din il-Qorti sabiex *"l-kundizzjoni ta' depozitu effettiv titnehha, jew alternattivament tigi ridotta ghal wahda iktar xierqa, ekwa u gusta."*

(iv) B'digriet tal-4 ta' Frar 2022, din il-Qorti ordnat lir-rikorrent sabiex jipprezenta l-provi kollha rigward il-mezzi finanzjarji tieghu.

(v) Fis-seduta tad-9 ta' Frar 2022, l-imputat xehed illi m'ghandhux flus depozitati fil-bank u lanqas proprjeta immobbli. Qal ukoll li ghandu jrid ihallas xi licenzji b'lura fuq xi vetturi. Pero huwa xehed li l-uniku sors ta' introjtu tieghu kienet il-paga tax-xoghol li jaghmel fil-bini, u din il-paga jqassamha ghall-hajja.

(vi) Fl-istess seduta tad-9 ta' Frar 2022, din il-Qorti tat digriet fejn *"varjat il-kundizzjoni numru 8 fid-digriet tal-helsien mill-arrest datat 27 ta' Jannar 2022, fis-sens li minflok depozitu u garanzija personali, l-imputat ghandu jaghmel tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest billi jgib plegg ossia garanti tajjeb li jobbliga ruhu bil-miktub ghas-somma ta' sebat elef u f'kaz li jingieb tali plegg il-Qorti tordna li jinghata aviz ta' 24 siegha kif provdut fis-sub artikolu 2 tal-Artikolu 582 tal-Kodici Kriminali sabiex tkun tista tigi determinata l-idoneita ta' dan il-plegg u f'dan il-kaz il-garanzija ma jkollha ebda effett qabel tali plegg jigi approvat minn din il-Qorti."*

(vii) Fis-seduta tal-15 ta' Far 2022, id-difiza infurmat lill-Qorti li l-imputat ma rnexxilux isib persuna sabiex toqghod bhala terz garanti.

(viii) Kien ghal din ir-raguni li l-imputat issa intavola r-rikors odjern tat-18 ta' Frar 2022, fejn qed jitlob li tigi imposta kundizzjoni ta' garanzija personali jew alternattivament depozitu effettiv illi jirrifletti l-qaghda finanzjarja tieghu.

4. F'dan ir-rikors, l-imputat jissottometti li l-fatt li m'ghandux flus, certament mhijiex raguni valida sabiex jibqa' jigi mcahhad mil-liberta tieghu. Huwa jissottometti wkoll li l-proceduri odjerni huma ta' natura sommarja, fejn l-allegat oggett misruq lanqas jizboq l-elefjn Euro, u mhux reat li jgorr piena ta' ghomor il-habs.

5. L-imputat jissottometti wkoll li l-Artikolu 577 tal-Kodici Kriminali, fejn skond l-imputat *"il-legislatur ghazel li juza l-konguntiv '**jew**' mhux 'u', u ghalhekk wiehed ghandu jifhem illi **garanzija wahda hija sufficjenti** u ma hemmx il-bzonn illi wiehed jaghmel depozitu <u>u</u> jidhol f'garanzija personali."* (enfasi u sottolinear tal-imputat).

6. Din il-Qorti se tibda billi tikkunsidra dan l-ahhar argument tal-imputat dwar l-Artikolu 577 tal-Kodici Kriminali, u bla ezitazzjoni tghid li d-difiza kienet selettiva hafna bil-mod kif iccita dan l-Artikolu 577, li testwalment jippreskrivi hekk:

*"(1) Il-garanzija ssir billi jinġieb pleġġ tajjeb, li jobbliga ruħu bil-miktub għas-somma stabbilita.*

*(2) <u>Il-garanzija tista' ssir ukoll, meta hekk jidhrilha sewwa l-qorti</u>, bid-depożitu biss tas-somma jew ta' rahan li jiswa daqsha, jew bl-obbligazzjoni biss tal-imputat."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

7. Anki minn qari superficjali tal-Artikolu 577(2) tal-Kodici Kriminali huwa ovvju li l-legislatur halla fid-diskrezzjoni tal-Qorti il-mod ta' kif issir il-garanzija, u jekk issirx permezz ta' depositu biss jew bl-obbligazzjoni biss tal-imputat, jew bit-tnejn flimkien, u dan wara, li ai termini tal-Artikolu 576 tal-Kodici Kriminali tiehu in konsiderazzjoni l-limiti tal-ammont tal-garanzija stabbiliti fl-Artikolu 584, l-kondizzjoni tal-imputat, ix-xorta u l-kwalità tar-reat, u ż-żmien tal-piena li għaliha r-reat ikun suġġett.

8. Fuq il-kwistjoni ta' kif ghandha tinghata l-garanzija ghall-helsien mill-arrest huwa rilevanti hafna il-provvediment fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ekramy Fadl Alla Abdel Aziz Mobarak** moghti fis-16 t'Awwissu 2006, fejn il-Qorti Kriminali[1] osservat hekk:

   *"(I)l-ligi taghna tipprovdi, bhala l-forma principali ta' garanzija mhux id-depozitu ta' somma (jew ta' rahan li jiswa daqsha), wisq anqas il-garanzija personali, izda li l-imputat igib plegg tajjeb – cioe` terz idoneu bhala garanti – li jobbliga ruhhu bil-miktub ghas-somma stabbilita (Art. 577(1), Kap. 9). Il-garanzija bil-forma ta' plegg tajjeb taghti lill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali dik il-flessibilita` mehtiega biex, min-naha l-wahda, anke min m'ghandux flus ikun jista' jinghata l-helsien mill-arrest kemm il-darba ma jkunx hemm il-perikoli ravvizati fil-paragrafi (a) sa (e) tal-Artikolu 575(1) tal-Kodici Kriminali, u fl-istess hin l-ammont tal-garanzija jkun adegwat fid-dawl tal-Artikolu 576 u mhux ammont irrizorju (ara a propositu l-osservazzjonijiet maghmula mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Gama Said Karfus v. Il-Kummissarju tal-Pulizija et**, deciza fis-27 ta' April 2006)."* (sottolinear ta' dik il-Qorti).

9. Fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Pace** moghti fis-6 ta' Frar 2009, il-Qorti Kriminali ghamlitha cara illi:

   *"Din il-Qorti kellha l-okkazjoni diversi drabi tosserva li fil-kaz ta' persuna dizokkupata jew li ma jkollhiex mezzi, il-garanzija personali ftit li xejn taghmel sens, ghax ftit li xejn tista' tkun ta' fren veru u ta' kontroll fuq l-imputat biex joqghod ghall-kundizzjonijiet kollha tal-helsien tieghu mill-arrest (ara, fost ohrajn, **Il-Pulizija v Aron Gatt** Qorti Kriminali 25/11/05, u **Il-Pulizija v. Antonio sive Anthony Abdilla et** Qorti Kriminali 10/3/06). F'dan il-kaz, tenut kont tal-antecedenti tal-intimat Pace u specjalment tal-fatt li huwa tossikodipendenti u dizokkupat, il-garanzija personali kienet certament mhux indikata, anzi kienet manifestament skonsiljata."*

10. Fid-decizjoni **Il-Pulizija vs Aaron Gatt** moghti fil-25 ta' Novembru 2005, il-Qorti Kriminali[2] kompliet tghid hekk:

[1] *Per* Prim Imhallef Vincent De Gaetano.
[2] *Per* Prim Imhallef Vincent De Gaetano.

*"Tosserva wkoll din il-Qorti li fil-kaz ta' persuna li ma jkollhiex mezzi finanzjarji – bhalma jirrizulta li huwa l-imputat intimat – il-garanzija ghandha tkun dik li jigi prodott terz idoneu li jobbliga ruhhu fis-somma stabbilita mill-Qorti, u mhux semplici garanzija personali li f'kazijiet simili ftit li xejn tista' tkun ta' fren jew kontroll fuq l-imputat biex dan joqghod ghall-kundizzjonijiet kollha tal-helsien tieghu mill-arrest. Ghalhekk certament f'dan il-kaz kienet skonsiljata l-garanzija personali, u ghalhekk hemm lok li din tinbidel."* (sottolinear ta' dik il-Qorti).

11. Fir-rikors odjern, l-imputat qieghed jitlob li l-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest jigu varjati fis-sens illi tigi imposta kundizzjoni ta' garanzija personali biss – presumibilment il-garanzija personali ta' €10,000 imposta fid-digriet tas-27 ta' Jannar 2022. Fid-dawl ta' l-insenjament tal-Qorti Kriminali, din il-Qorti ma tarax kif it-talba tal-imputat tista' tigi milqugha. Il-ligi stess tpoggi tali garanzija "personali" bhala fit-tielet livell ta' idoneità – cioè wara l-obbligazzjoni tat-terz idoneu u wara d-depozitu tas-somma jew rahan ekwivalenti. Huwa vera li r-reati li bihom huwa mixli l-imputat ma jgorrux il-piena ta' ghomor il-habs, izda fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, fl-ahjar ipotesi ghalih, hemm prevista piena massima ta' erba' (4) snin prigunerija,[3] li bl-addebitu tar-recidiva ai termini tal-Artikolu 289 tal-Kodici Kriminali tista' tizdied sa' massimu ta' disa' (9) snin prigunerija. Ghalhekk bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni ma jista' jinghad li din hija imputazzjoni li ggorr maghha piena negligibbli. Di piu, l-imputat ghandu fedina penali li fiha tlieta u ghoxrin (23) kundanna minn dawn il-Qrati, hafna minnhom ghal reati ta' natura serja. Kif se jinghad aktar l-isfel, l-imputat jghid li m'ghandux mezzi finanzjarji, u allura ovvjament ma hux f'posizzjoni li jhallas €10,000 – l-ammont tal-garanzija personali impost fid-digriet tas-27 ta' Jannar 2022 u li donnu l-imputat ma ghandhux oggezzjoni ghaliha - jekk jinstab hati li kiser xi wahda jew aktar mill-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest.

12. Ghalkemm din il-Qorti taqbel li ghandu jinghata l-helsien mill-arrest f'dawn il-proceduri, taht il-kondizzjonijiet opportuni – kif fil-fatt inghata – min-naha l-ohra huwa fid-dover taghha li tassigura ruhha li jigi impost fuq l-imputat fren realistiku ta' xi haga tangibbli li jista' jitlef, jekk ma jottomperax ruhu mal-kondizzjonijiet tal-helsien mill-

[3] Ara Artikolu 278 tal-Kodici Kriminali.

arrest. Garanzija personali certament mhux ser isservi dak l-iskop fic-cirkostanzi tal-kaz odjern.

13. L-imputat jissottometti li l-fatt li m'ghandux flus mhix raguni valida sabiex jibqa' jigi mcahhad mil-liberta tieghu. Din il-Qorti taqbel in principju ma' din is-sottomissjoni. Pero din il-Qorti ma tistax ma tosservax li ghalkemm l-imputat xehed li hu jaqla' paga mill-impjieg tieghu fil-kostruzzjoni – kif *del resto* ammetta fl-istqarrija tieghu u fl-ezami waqt il-prezentata – kemm fis-seduta tad-9 ta' Frar 2022, kif ukoll ma' dan ir-rikors huwa naqas li jgib prova tal-ammont tal-paga li huwa jircievi, u provi dokumentarji tal-awtoritajiet kompetenti dwar dan l-introjtu tieghu. L-imputat naqas li jaghmel dan, nonostante li bid-digriet taghha tal-4 ta' Frar 2022, din il-Qorti esspressament ordnat lill-imputat jipprezenta l-provi kollha dwar il-mezzi finanzjarji tieghu, u fir-rikors tieghu stess tat-18 ta' Frar 2022 qed jitlob sussidjarjament li din il-Qorti timponi deposiztu effettiv *"illi jirrifletti l-qaghda finanzjarja tal-esponent"*, u dan meta huwa naqas li jressaq prova tal-istampa shiha ta' din il-qaghda finanzjarja tieghu.

14. Pero *dato ma non concesso* li l-imputat m'ghandux mezzi finanzjarji, kif qed jallega, kif irriteniet il-Qorti Kriminali[4] fid-decizjoni **Il-Pulizija vs Hasan Muhammed Ali** moghti fid-19 ta' Novembru 2007:

*"Il-kwistjoni tal-mezzi tar-rikorrent ma hix verament problema – ghalkemm huwa ma ghandux mezzi, il-ligi taghna ma tirrikjedix li huwa jiddepozita xi somma ta' flus. Kieku kien hekk, il-ligi kienet tkun tiddiskrimina fil-konfront ta' min hu fqir. Skond il-ligi taghna il-mod principali kif issir il-garanzija huwa billi l-imputat jew akkuzat igib plegg tajjeb, ossia terz idoneu (Artikoli 577(1) u 582(2)), u jkun dan it-terz idoneu li jobbliga ruhhu fis-somma stabbilita skond il-kriterji kollha msemmija fl-Artikoli 576 u 584. B'hekk, persuna idonea (il-plegg) tkun qed tindika li hija tafda lir-rikorrent billi tidhol bhala garanti ghalih. S'intendi, jekk rikorrent ma jsib ebda persuna li lesta tafdah, ma ghandux jippretendi li l-Qorti tafdah u takkordalu l-helsien mill-arrest minghajr ebda garanzija serja kwantifikabbli fi flus."*

[4] *Per* Imhallef Vincent De Gaetano.

15. Kien propju ghal din ir-raguni, u fid-dawl tal-kazistika fuq citata, li fid-digriet taghha tad-9 ta' Frar 2022, din il-Qorti, minkejja n-nuqqas ta' provi dwar il-mezzi finanzjarji tieghu, varjat il-kundizzjoni numru 8 fid-digriet tal-helsien mill-arrest datat 27 ta' Jannar 2022 fis-sens li minflok depozitu u garanzija personali, ordnat li l-imputat ghandu bhala garanzja jgib plegg ossia garanti tajjeb li jobbliga ruhu bil-miktub ghas-somma ta' sebat elef ewro.

16. Din il-Qorti tammetti li hija pjuttost perplessa kif ghalkemm fil-bidu tar-rikors tieghu l-imputat jirreferi ghal dan id-digriet, u jghid li ma rnexxilux isib persuna sabiex toqghod terz garanti, fis-sottomissjonijiet tieghu f'dan ir-rikors huwa donnu jinsa l-ezistenza ta' dan id-digriet, u jargumenta li l-imposizzjoni ta' depositu effettiv flimkien ma' garanzija personali ma kienitx ragonevoli fic-cirkostanzi tieghu. Huwa qed jaghmel dawn is-sottomissjonijiet meta din il-Qorti effettivament irrevokat l-imposizzjoni ta' depositu effettiv ta' €2000 flimkien ma' garanzija personali €10,000 li kienu gew imposti fid-digriet tal-27 ta' Jannar 2022.

17. Fir-rikors tieghu, l-imputat imkien ma jispjega ghalfejn il-kompromess li ippruvat tilhaq din il-Qorti bid-digriet taghha tad-9 ta' Frar 2022, u cioe billi imponiet fuq l-imputat li jgib terz idoneu sabiex jobbliga ruhu fis-somma stabbilita ta' €7,000 – u kif diga inghad din hi il-forma principali ta' garanzija imposta mill-Kodici Kriminali – mhix wahda ragonevoli fic-cirkostanzi tieghu. L-imputat lanqas biss ippropona persuna wahda bhala persuna idonea li tista' toqghod garanti ghalih u tati garanzija serja kwantifikabbli fi flus, anke jekk forsi, minhabba l-mezzi finanzjarji taghha, f'ammont izghar minn dak preskritt minn din il-Qorti.

18. Fis-sottomissjonijiet li saru fis-seduta tal-15 ta' Frar 2022, id-difiza infurmat verbalment lill-Qorti li l-unika persuna li kienet lesta turi li tafda lill-imputat, kienet is-siehba tieghu. Pero is-siehba tal-imputat ma ghandhiex mezzi finanzjarji u ghandha tlett itfal minuri xi tmantni u li jiddependu fuqha. Dawn il-fatti - apparti verifiki li jridu jsiru dwar il-karattru tas-siehba tal-imputat - certament ma jaghtux serhan il-mohh lil din il-Qorti, li s-siehba tal-imputat hija persuna idonea sabiex tiggarantixxi li l-imputat kien se jaderixxi mal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest, u fin-nuqqas taghmel tajjeb bi plegg ta' ammont adegwat ta' flus, skond il-mezzi finanzjarji taghha. Kien ghal din ir-raguni li d-difiza ma ippropnietx formalment lis-siehba tal-imputat bhala terz idoneu.

19. Is-sottomossjoni li saret verbalment mill-abbli difensur tal-imputat fis-seduta tal-15 ta' Frar 2022, li mhux possibbli li persuna fil-kundizzjoni socjali tal-imputat issib persuna lesta li toqghodilha bhala garanti ghall-ammont ta' flus, certament mhix wahda fattwalment korretta. Il-fatt li imputat ta' wiehed u erbghin (41) sena, li ghal xi raguni jew ohra, m'ghandhux mezzi finanzjarji, ma jfisserx awtomatikament li ma hemm l-ebda persuna f'Malta b'mezzi finanzjarji li lesta tafdah, billi tidhol garanti ghalih f'ammont adegwat u mhux irrizorju.

20. Din il-Qorti tirreferi ghal dak li qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili[5] fis-sentenza **Gama Said Karfus vs Il-Kummissarju tal-Pulizija** deciza fis-27 ta' April 2006:

*"Ta' min jgħid li la l-Kostituzzjoni u lanqas il-Konvenzjoni* [Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem] *ma jridu li l-persuna li titlob il-ħelsien mill-arrest tingħata dan il-ħelsien b'kundizzjonijiet faċli għaliha jew skond il-kumdita' tagħha, għaliex l-aspett tad-deterrent (u jiġifieri tas-sagrifiċċju li l-imputat ibati jekk kemm-il darba jikser dawk il-kundizzjonijiet) huwa, kif rajna, l-aspett regolatur tal-istess għoti ta' ħelsien mill-arrest. Deterrent mingħajr xi forma ta' tbatija ma huwa deterrent xejn;"*[6]

21. Fil-fatt fis-sentenza **Gafa vs Malta** deciza fit-22 ta' Mejju 2018 u iccitata mill-istess imputat fir-rikors tieghu odjern, il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem irriteniet hekk:[7]

*"Therefore, the amount of bail must be set by reference to the detainee, his assets and his relationship with the persons who are to provide the security, in other words to the degree of confidence that is possible that the prospect of loss of the security or of action against the guarantors in case of his non-appearance at the trial will act as a sufficient deterrent to dispel any wish on his part to abscond (see Neumeister v. Austria, 27 June 1968, § 14, Series A no. 8)."*

---

[5] *Per* Imhallef Joseph R. Micallef.
[6] Il-Qorti Kostituzzjonali iddikjarat l-appell minn din is-sentenza irritu u null b'sentenza moghtija fis-26 ta' Mejju, 2006.
[7] *§* 70.

22. Kif irriteniet din il-Qorti Kriminali fid-decizjoni **Il-Pulizija vs Hasan Muhammed Ali** fuq citata, jekk l-imputat ma sab ebda persuna idonea li lesta tafdah, ma ghandux jippretendi li l-Qorti tafdah, u takkordalu l-helsien mill-arrest minghajr ebda garanzija serja kwantifikabbli fi flus.

**Konkluzjoni**

23. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda:

1. tichad it-talba tal-imputat fir-rikors tieghu tat-18 ta' Frar 2022, fejn talab li tigi imposta kundizzjoni ta' garanzija personali jew alternattivament depozitu effettiv illi jirrifletti l-qaghda finanzjarja tieghu;

2. izzomm ferm id-digriet taghha tad-9 ta' Frar 2022, fejn imponiet li ghandu jgib plegg ossia garanti tajjeb li jobbliga ruhu bil-miktub ghas-somma preskritta fl-istess digriet, u bil-kundizzjonijiet preskritti fl-istess digriet.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**